



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Ottubru 2009
(OR.en)**

15265/09

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

Minn: Presidenza

Lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
29/30 TA' OTTUBRU 2009**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (29/30 ta' Ottubru 2009).

Waqt li jisħaq li l-Unjoni teħtieġ ċarezza rapida dwar l-istruttura istituzzjonali tagħha sabiex tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-ikkompletar rapidu tal-proċess ta' ratifika sabiex it-Trattat jidħol fis-seħħ sa tmiem is-sena. Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-pożizzjoni tal-UE fir-rigward tal-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-tibdil fil-klima, li ser tippermetti lill-UE li jkollha rwol kostruttiv matul il-fażi finali tan-negozjati, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ewlenin bħall-finanzjament, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-adattament, il-mitigazzjoni u l-governanza tajba. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra s-sitwazzjoni ekonomika, finanzjarja u tal-impjieg, waqt li saħaq b'mod partikolari l-hteġa li titħejja strateġija kkoordinata għall-ħruġ minn linji ta' politika ta' stimolu fuq bażi wiesgħa meta l-irkupru jiġi żgurat. Huwa adotta l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, li tikkostitwixxi qafas integrat biex jiġu indirizzati sfidi komuni. Huwa kkunsidra l-progress li sar dwar miżuri ta' implimentazzjoni rigward l-immigrazzjoni illegali u appella biex isiru aktar sforzi, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-FRONTEx. Fl-aħħarnett, il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni fl-Afganistan/Pakistan.

o
o o

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni mis-Sur Jerzy Buzek, President tal-Parlament Ewropew, u kienet segwita minn skambju ta' fehmiet.

o
o o

I. Kwistjonijiet istituzzjonali

1. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona mill-Ġermanja, l-Irlanda u l-Polonja, li jfisser li issa ġie approvat mill-poplu jew il-parlamenti tas-27 Stat Membru.

2. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jeħtieġ ratifka minn kull wieħed mis-27 Stat Membru skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Huwa jirriafferma d-determinazzjoni tiegħu li jara t-Trattat jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2009, b'hekk jippermettilu jiżviluppa l-effetti tiegħu fil-futur.

Abbażi ta' dan, u b'kont meħud tal-pożizzjoni meħuda mir-Repubblika Ċeka, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li għandhom, fil-mument tal-konklużjoni tat-Trattat tal-Adeżjoni li jmiss u skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, jehmżu l-Protokoll (fl-Anness I) mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest, u fir-rigward tal-applikazzjoni legali tat-Trattat ta' Lisbona u r-relazzjoni tiegħu mas-sistemi legali tal-Istati Membri, il-Kunsill Ewropew jikkonferma li:

- a) It-Trattat ta' Lisbona jipprevedi li *"il-kompetenzi kollha li ma jingħatawx lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri"* (Art. 5(2) TUE);
- b) Il-Karta hija *"intiża għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni."* (Art. 51(1) Karta).

3. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-ħidma preparatorja bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (dok. 14928/09). Huwa japprova r-rapport tal-Presidenza dwar il-linji gwida għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (dok. 14930/09) u jistieden lir-Rappreżentant Għoli futur biex jippreżenta proposta għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill mhux aktar tard mill-aħħar ta' April 2010. F'dan il-kuntest, huwa jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa, kif issottolinjat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, li l-Unjoni Ewropea ssir aktar kapaċi, aktar koerenti u aktar strateġika bħala attur globali, inkluż fir-relazzjonijiet tagħha ma' msieħba strateġiċi, fil-viċinat tagħha u fiż-żoni affettwati minn konflitti.

II. Tibdil fil-klima

4. Il-klima qed tinbidel b'mod aktar mgħaġġel milli mistenni u r-riskji li dan jgħallq diġà qed jidhru. Qed naraw dewbien estensiv tas-silġ, livelli dejjem jgħallw tal-baħar, għargħar, perijodi ta' nixfa u mewġ tas-šana aktar frekwenti, aktar intensi u li jdumu aktar.
5. Ġimġhat biss mill-Konferenza ta' Kopenhagen, l-Unjoni Ewropea hija aktar minn qatt qabel għal kollox determinata li jkollha rwol ewlieni u li tikkontribwixxi biex jintlaħaq ftehim globali, ambizzjuż u komprensiv. Il-partijiet kollha għan-negozjati jeħtieġu li jagħtu spinta għal lill-proċess u r-ritmu tan-negozjati għandu jgħadd.
6. Il-ftehim ta' Kopenhagen jeħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-oġġettiv ta' 2°C, impenji ambizzjużi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mill-pajjiżi żviluppati, azzjoni adatta ta' mitigazzjoni mill-pajjiżi li qed jgħallw, adattament, teknoloġija u ftehim dwar il-finanzjament, kif deskritt hawn taħt. Il-Kunsill Ewropew jenfazizza l-ħtieġa għal ftehim legalment vinkolanti għall-perijodu li jgħadda mill-1 ta' Jannar 2013 li jgħaddi fuq il-Protokoll ta' Kjoto u jgħallkorpora l-elementi essenzjali kollha tiegħu. Il-Kunsill Ewropew jgħallkonferma wkoll li l-pajjiżi kollha, inklużi dawk li fil-preżent mħumiex marbutin mill-Protokoll ta' Kjoto, għandhom jgħaddu azzjoni immedjata.
7. Il-Kunsill Ewropew jgħallpella lill-Partijiet kollha biex jgħallqgħu l-oġġettiv ta' 2°C u biex jgħallblu ma' tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 50%, u tnaqqis aggregat tal-emissjonijiet tal-pajjiżi żviluppati ta' mill-inqas 80-95%, bħala parti minn dan it-tnaqqis globali ta' emissjonijiet, sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; oġġettivi bħal dawn għandhom jgħallprovdu kemm l-aspirazzjoni kif ukoll il-bażi ta' kejl għall-istabbiliment ta' għallanijiet ta' nofs it-terminu, soġġetti għal reviżjoni xjentifika regolari. Huwa jgħallpoġġa oġġettiv tal-UE, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont l-IPCC mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp, li jgħallitnaqqsu l-emissjonijiet bi 80-95 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

8. L-Unjoni Ewropea qiegħda quddiem nett fl-isforzi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija ntrabtet li tieħu deċiżjoni li tasal għal tnaqqis ta' 30% sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, bħala l-offerta kondizzjonali tagħha għal ftehim globali u komprensiv għall-perijodu wara l-2012, dment li l-pajjiżi żviluppati l-oħra jintrabtu għal tnaqqis komparabbli fl-emissjonijiet u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu adegwatament skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.
9. Azzjoni mill-Unjoni Ewropea weħidha mhux ser tkun biżżejjed. Ftehim komprensiv u ambizzjuż jista' jintlaħaq biss jekk il-partijiet kollha jikkontribwixxu għall-proċess. Pajjiżi żviluppati oħrajn għandhom ukoll juru tmexxija u jintrabtu għal tnaqqis ambizzjuż ta' emissjonijiet u jżidu l-wegħdiet attwali tagħhom. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk aktar avvanzati, għandhom jintrabtu għal azzjoni ta' mitigazzjoni adatta, li tirrifletti r-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa ta' kejl, rappurtar u verifika (MRV) tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni fil-pajjiżi kollha.
10. L-adattament huwa element neċessarju li għandu jiġi ttrattat b'mod komprensiv fi ftehim ta' Kopenhagen. Il-Kunsill Ewropew ifakkar dwar il-proposta biex jinholq Qafas għal Azzjoni dwar l-Adattament (FAA) bħala parti minn dan il-ftehim. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għall-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sal-2012 u wara, b'fokus fuq il-pajjiżi u r-reġjuni li huma partikolarment vulnerabbli għall-impatti ħżiena tat-tibdil fil-klima.
11. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jinħolqu inċentivi biex is-settur privat jiġi involut fis-settur tal-kooperazzjoni dwar it-teknoloġija. Jeħtieġ li l-attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp (R&Ż) jiżdiedu sostanzjalment u jiġu stabbiliti objettivi globali tat-teknoloġija u jiġu diffużi teknoloġiji siguri u sostenibbli.

12. Qbil dwar finanzjament ser ikun parti ċentrali ta' ftehim f'Kopenħagen. Żieda gradwali iżda sinifikanti fi flussi finanzjarji addizzjonali pubbliċi u privati hija meħtieġa biex pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu meġħjuna jimplimentaw strateġiji ambizzjużi ta' mitigazzjoni u adattament.
13. L-UE tinsab lesta tagħti s-sehem ġust tagħha fl-isforz globali billi tistabbilixxi mira ambizzjuża ta' mitigazzjoni, filwaqt li tippermetti kumpensi u tipprovdi s-sehem ġust tagħha ta' appoġġ pubbliku. Il-Kunsill Ewropew japprova l-istima tal-Kummissjoni li l-ispejjeż inkrementali totali netti tal-mitigazzjoni u l-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jammontaw għal madwar EUR 100 biljun fis-sena sal-2020, li jinħarġu minn kombinazzjoni tal-isforzi proprji tagħhom, is-suq internazzjonali tal-karbonju u l-finanzjament pubbliku internazzjonali.
14. Il-livell ġenerali tal-appoġġ pubbliku internazzjonali meħtieġ huwa stmat li hu bejn EUR 22 sa 50 biljun kull sena sal-2020, soġġett għall-kondiviżjoni ġusta tal-piż fil-livell globali f'konformità mal-qafas ta' distribuzzjoni li għandu jiġi maqbul mill-Partijiet, arranġament ta' governanza u għoti b'risq azzjonijiet ta' mitigazzjoni speċifiċi u Strateġiji ta' Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju/Pjanijiet ta' Tkabbir b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju (LCGPs) ambizzjużi. Din il-firxa tista' tiġi ristretta fid-dawl tas-Summit ta' Kopenħagen.
15. Għandu jiġi żviluppat qafas istituzzjonali effettiv u effiċjenti għall-governanza fuq quddiem nett tal-finanzjament. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-istabbiliment ta' forum/korp ta' livell għoli li għandu jiġi stabbilit taħt il-gwida tal-UNFCCC biex inter alia jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sorsi internazzjonali għall-finanzjament tal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
16. Il-pajjiżi kollha, ħlief dawk l-anqas żviluppati, għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament pubbliku internazzjonali, permezz ta' qafas komprensiv ta' distribuzzjoni globali bbażat fuq livelli ta' emissjonijiet u l-PDG li jirrifletti kemm responsabbiltà għal emissjonijiet globali kif ukoll il-ħila li wieħed iħallas, b'piż konsiderevoli fuq il-livelli ta' emissjonijiet. Il-piż tal-livelli ta' emissjonijiet għandu jiżdied maż-żmien biex jagħmel tajjeb għal aġġustamenti fl-ekonomiji. L-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti jassumu s-sehem ġust tagħhom tal-finanzjament pubbliku internazzjonali totali.

17. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-appoġġ pubbliku internazzjonali mniedi b'mod rapidu huwa importanti fil-kuntest ta' ftehim ta' Kopenhagen komprensiv, ibbilanċjat u ambizzjuż. L-għan għandu jkun li titħejja azzjoni effettiva u effiċjenti għall-perijodu medju u dak fit-tul u jkun evitat dewmien tal-azzjoni ambizzjuża, b'enfasi speċjali fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati. B'kont meħud tal-istima tal-Kummissjoni li huwa meħtieġ finanzjament globali ta' EUR 5-7 biljun fis-sena għall-ewwel tliet snin wara ftehim ambizzjuż f'Kopenhagen, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li ser tiġi determinata figura fid-dawl tal-eżitu tal-konferenza ta' Kopenhagen. F'dan il-kuntest l-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għal dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li dan il-kontribut ser ikun bil-kondizzjoni li l-atturi ewlenin l-oħra jagħmlu sforzi komparabbli.
18. Il-Kunsill Ewropew jinnota li matul il-perijodu ta' impenn attwali taħt il-Protokoll ta' Kjoto x'aktarx jiġi akkumulat ammont sinifikattiv ta' unitajiet assenjati ta' ammonti li ma ntużawx. Din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata, b'mod non-diskriminatorju li l-pajjiżi Ewropej u mhux Ewropej jiġu ttrattati b'mod ugwali, u b'tali mod li l-ittrattar tal-eċċess tal-unitajiet assenjati ta' ammonti ma jaffettwax l-integrità ambjentali ta' ftehim ta' Kopenhagen.
19. Il-finanzjament privat ser ikun stimulat bl-iżvilupp ta' suq wiesa' u likwidu tal-karbonju bbażat fuq sistemi robusti ta' limitu u skambju f'pajjiżi żviluppati, Mekkaniżmu ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDM) irriformat u mekkaniżmi settorjali ta' kreditu u kummerċ għal azzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
20. Il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar ir-rwol ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni fl-użu tal-art, bidla fl-użu tal-art u l-forestrija u b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' inizjattivi għal tnaqqis fid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu bbażat fuq il-prestazzjoni li jirrikonoxxi tnaqqis ta' emissjonijiet ivverifikat.

21. Huwa jfakkar li r-riskju ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa analizzat u indirizzat fid-Direttiva l-ġdida tal-ETS (Direttiva 2009/29/KE) sabiex, biex tkun ippreżervata l-integrità ambjentali tal-linji ta' politika tal-UE, fid-dawl tal-eżitu tan-negożjati internazzjonali u safejn dawn iwasslu għal tnaqqis globali tal-gassijiet b'effett ta' serra, huwa possibbli li jiġu kkunsidrati miżuri li jridu jittieħdu f'konformità mar-regoli internazzjonali tal-kummerċ. Ftehim internazzjonali ambizzjuż jibqa' l-aħjar mod kif tiġi indirizzata din il-kwistjoni.
22. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li fiha lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju abbażi tal-kriterji mniżżlin fid-Direttiva l-ġdida tal-ETS (Direttiva 2009/29/KE). Huwa jinnota li jista' jiżdied mal-lista settur jew subsettur, abbażi ta' informazzjoni ġdida, jekk jissodisfa l-kriterji rilevanti. Il-lista ser tiġi riveduta fid-dawl tal-eżitu tan-negożjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima.
23. B'mod parallel ma' għotjiet ta' finanzjament għall-klima, il-partijiet internazzjonali kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li tali finanzjament ma jdgħajjix jew ifixkel il-ġlieda kontra l-faqar u l-kontinwità tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Il-finanzjament innovattiv jista' jkollu rwol fl-iżgurar ta' flussi ta' finanzjament prevedibbli għall-iżvilupp sostenibbli, speċjalment b'risq l-ifqar pajjiżi u dawk l-iżjed vulnerabbli.
24. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2009 (dok. 14790/09), li flimkien ma' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u l-linji gwida meħmużin jagħtu lill-Unjoni pożizzjoni ta' negozjar b'saħħitha. Dan jippermetti lill-Unjoni Ewropea li jkollha rwol kostruttiv matul il-fażi finali tal-proċess ta' negozjar, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ċentrali bħall-finanzjament, it-trasferiment tat-teknoloġija, l-adattament, il-mitigazzjoni u l-governanza tajba.
25. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Preidenza tiegħu l-passi meħtieġa biex iżżomm pożizzjoni ta' negozjar qawwija matul il-proċess kollu u ser jirrevedi s-sitwazzjoni fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru sabiex jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa fid-dawl tal-istadji bikrija tal-konferenza ta' Kopenhagen.

III. Sitwazzjoni ekonomika, finanzjarja u tal-impjiegi

26. It-tnaqqis qawwi fl-attività ekonomika Ewropea qed jieqaf, bi stabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji u titjib fil-fiduċja. Madankollu, m'hemmx lok għall-kompjaċenza, b'mod partikolari fid-dawl taż-żieda fil-livelli tal-qgħad. Ir-rilanċ li qed jinbet jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib u l-linji ta' politika ta' appoġġ m'għandhomx jiġu rtirati sakemm ir-rilanċ jiġi żgurat kompletament.
27. Fl-istess ħin, bil-għan li jistabbilixxu l-aspettattivi u tiġi rrinforzata l-fiduċja, huwa meħtieġ li titħejja strateġija kkoordinata għall-ħruġ mil-linji ta' politika ta' stimolu fuq bażi wiesgħa meta l-irkupru jiġi żgurat, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. F'konformità mal-paragrafu 23, il-Kummissjoni hija mistiedna teżamina l-finanzjament innovattiv fil-livell globali. Filwaqt li japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu bil-ħidma tagħhom dwar l-istrateġiji ta' ħruġ u biex jirrappurtaw lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2009.
28. Il-Kunsill Ewropew stenna b'interess il-passi meħtieġa sabiex jiġi żgurat irkupru ekonomiku qawwi u sostenibbli. Huwa qabel dwar il-ħtieġa għal azzjoni koordinata, fl-Ewropea u internazzjonalment, sabiex jiġu ġġenerati sorsi ġodda ta' tkabbir u aktar impjiegi fil-futur. Huwa saħaq dwar l-importanza ta' riformi biex jissaħħaħ is-suq intern, jingħata investiment għall-industriji u l-impjiegi tal-futur, jiġi promoss aktar kummerċ u jissaħħaħ is-settur finanzjarju. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess id-diskussjoni dwar strateġija Ewropea ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir bħala parti mir-reviżjoni li jmiss tal-Istrateġija ta' Lisbona.

29. Hekk kif wieħed jistenna li s-sitwazzjoni tal-impjegi fl-Ewropa tkompli tiddeterjora, huwa meħtieġ impenn politiku kontinwu għal-linji ta' politika attivi dwar is-suq tax-xogħol. Huma meħtieġa miżuri biex tkun appoġġata l-konnessjoni mas-suq tax-xogħol u biex jiġi evitat li livelli għoljin ta' qgħad isiru persistenti, biex b'hekk jiġu żgurati livelli għoljin ta' impjegi u finanzi pubbliċi sostenibbli għall-perijodu fit-tul. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija prerekwiżit għat-tkabbir ekonomiku, għall-benesseri soċjali u ekonomiku tal-individwi u għal Ewropa aktar soċjalment koeżiva. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu promossi wkoll linji ta' politika attivi dwar l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali. L-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi għal dawn l-isforzi billi tippromovi l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u t-tagħlim reċiproku.
30. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2009 fir-rigward tat-tisħiħ tal-qafas superviżorju fl-UE u jinnota li kien hemm ftehim ġenerali fil-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar iż-żewġ proposti legiſlattivi (abbozz ta' Regolament u ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) dwar l-istabbiliment ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku għas-superviżjoni makroprudenzjali. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Preidenza biex tniedi l-proċess mal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Regolament u ta' Deċiżjoni. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-progress li sar s'issa u jtenni l-importanza tat-tkomplija rapida tal-ħidma dwar l-istabbiliment tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għas-superviżjoni mikroprudenzjali, sabiex jinkiseb approċċ ġenerali dwar dawn il-proposti. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill, wara aktar konsiderazzjoni politika, biex jasal għal qbil sa Diċembru 2009 dwar pakkett komplet li jistabbilixxi struttura superviżorja ġdida fl-UE. Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.
31. Il-Kunsill Ewropew jappella biex isir progress rapidu dwar it-tisħiħ tal-qafas regolatorju għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' kriżijiet finanzjarji u dwar l-iżvilupp ta' qafas komprensiv mifrux mal-UE għall-koordinazzjoni ta' politika aktar mill-qrib dwar l-istabbiltà finanzjarja, b'konformità mal-pjan direzzjonali maqbul mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2009.

32. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-laqgħa tal-G20 ta' Pittsburgh, b'mod partikolari fir-rigward tat-tħejjija ta' qafas għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u bilanċjat kif ukoll il-kontinwazzjoni tal-ħidma dwar Karta għal Attività Ekonomika Sostenibbli. Huwa jilqa' wkoll l-impenn biex jittieħdu miżuri għat-tisħiħ tas-sistema finanzjarja internazzjonali superviżorja u regulatorja, inkluża r-riforma tal-istandards internazzjonali għall-kumpens u l-kisba ta' sett uniku ta' standards ta' kontabbiltà globali ta' kwalità għolja. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li, fil-kuntest tal-qafas għal tkabbir qawwi, sostenibbli u b'bilanċjat, il-FMI u l-G20 ser ikollhom jieħdu kont sħiħ tal-istruttura istituzzjonali tal-politika ekonomika tal-Unjoni Ewropea u taż-żona euro fl-intier tagħha. Huwa jappella lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jiżguraw tħejjija bir-reqqa mill-Unjoni Ewropea tal-laqgħat futuri tal-G20.
33. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub fir-rigward tal-infrastrutturi u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija kif ukoll il-mekkaniżmi għal kriżijiet mill-aħħar ta' Jannar kif stabbilit fir-rapport ippreżentat mill-Preidenza (dok. 13068/2/09). Huwa jistieden lill-atturi konċernati biex jimplementaw bħala kwistjoni ta' urġenza l-passi li jmiss imniżżlin f'dak ir-rapport, b'mod partikolari fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass, li għandu jiġi adottat kemm jista' jkun malajr.
34. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'interess l-inizjattivi meħudin mill-Kummissjoni biex jiġi stabbilizzat is-suq Ewropew tal-prodotti tal-ħalib, b'hekk juri rispons għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009. F'dan il-kuntest, huwa jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni biex jittaffew il-problemi ta' likwidità l-aktar urġenti fis-settur bir-rilaxx ta' EUR 280 miljun mill-baġit tal-2010. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill biex ikompli juri rispons għall-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tal-prodotti tal-ħalib. Huwa jinnota li l-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' livell għoli bil-kompitu importanti li jiddiskuti l-perspettivi għall-perijodu medju u dak fit-tul.

IV. Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

35. Il-Kunsill Ewropew jadotta l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett (dok. 13744/09). Din l-Istrateġija tikkostitwixxi qafas integrat biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni, i.a. l-isfidi ambjentali urġenti marbutin mal-Baħar Baltiku, u biex isir kontribut għas-suċċess ekonomiku tar-reġjun u għall-koeżjoni soċjali u territorjali tiegħu, kif ukoll għall-kompetittività tal-UE.
36. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-atturi rilevanti kollha biex jaġixxu malajr u jiżguraw implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija, li tista' tikkostitwixxi eżempju ta' strateġija makro reġjonali. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport ta' progress lill-Kunsill sa Ġunju 2011.

V. Immigrazzjoni u asil

37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'interess il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri li huwa identifika fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2009 rigward il-migrazzjoni illegali fil-Mediterran. Għadu essenzjali rispons Ewropew determinat ibbażat fuq il-fermezza, is-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża, f'konformità mal-Patt Ewropew dwar l-Asil u l-Immigrazzjoni u l-Approċċ Globali tal-UE għall-Migrazzjoni. Huwa jappella għal azzjoni miftiehma kontinwa biex tiġi indirizzata din l-isfida b'mod komprensiv u jiġi evitat li jerġgħu jseħħu traġedji fuq il-baħar.
38. Il-Kunsill Ewropew jinnota t-tnedija tal-proġett pilota għar-riallokazzjoni, fuq bażi volontarja, ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali preżenti f'Malta u jhegġegħ lil aktar Stati Membri biex jipparteċipaw fil-proġett. Huwa jinnota wkoll il-progress tajjeb li sar dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil u jappella biex jintlaħaq qbil qabel it-tmiem tal-2009. Barra minn dan huwa jinnota wkoll il-ħidma li għaddejja dwar it-tisħiħ tal-FRONTEx. Hu jilqa' il-bidu tad-djalogu rinforzat mat-Turkija dwar il-migrazzjoni u jappella biex jittieħdu passi konkreti b'mod rapidu, b'mod partikolari fir-rigward tar-riammissjoni u l-kontroll tal-fruntieri f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2009.

39. Politika tal-UE dwar il-migrazzjoni wiesgħa, li tħares 'il quddiem u komprensiva, skont il-liġi internazzjonali, hija l-bażi għal azzjonijiet sostenibbli fuq perijodu medju u twil għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. Dan ser jiġi rifless fil-Programm pluriennali ta' Stokkolma, li għandu jiġi adottat f'Diċembru.
40. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew:
- jappella għal sforzi addizzjonali biex jiġu adottati, implimentati u evalwati strumenti biex titkompla r-realizzazzjoni tas-Sistema Komuni Ewropea dwar l-Asil, waqt li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' movimenti sekondarji interni kif ukoll il-ħtieġa għal solidarjetà tanġibbli u effettiva ma' daww l-Istati Membri taħt pressjoni partikolari;
 - jappella għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi tal-FRONTEx kif ukoll għal progress fl-iżvilupp tagħha u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għal dak l-għan kmieni fl-2010. Tisħiħ bħal dan jista' jkun ibbażat fuq l-elementi li ġejjin:
 - i) it-tħejjija ta' proċeduri operattivi komuni ċari li jinkludu regoli ċari ta' impenn għal operazzjonijiet konġunti fuq il-baħar, b'kont dovut tal-iżgurar tal-protezzjoni għal daww fil-bżonn li jivjaġġaw fi flussi mħallta, f'konformità mal-liġi internazzjonali;
 - ii) aktar kooperazzjoni operattiva bejn il-FRONTEx u l-pajjiżi ta' oriġini u transitu;
 - iii) eżami tal-possibbiltà ta' kiri regolari ffinanzjat mill-FRONTEx għal titjiriet konġunti ta' ritorn;
 - jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni b'enfasi għall-applikazzjoni strateġika u effettiva tiegħu, inkluż il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali. F'dan il-kuntest ser ikun essenzjali li jiġi żgurat l-użu effettiv tal-istrumenti finanzjarji eżistenti rilevanti kollha;
 - jappella lill-Preżidenza u lill-Kummissjoni sabiex jintensifikaw id-djalogu mal-Libja dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-rispons għall-immigrazzjoni illegali, inkluża l-kooperazzjoni fuq il-baħar, il-kontroll tal-fruntieri u r-riammissjoni;
 - jissottolinja l-importanza ta' ftehimiet ta' riammissjoni bħala għodda għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

VI. Relazzjonijiet esterni

41. Il-Kunsill Ewropew approva l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru dwar l-Afganistan u l-Pakistan u jilqa' b'interess l-adozzjoni tal-pjan għal azzjoni tal-UE msahħha fir-reġjun. Il-Pjan ta' Azzjoni ser isaħħaħ il-kapaċità ċivili tal-istituzzjonijiet tal-istat fl-Afganistan u fil-Pakistan. L-Unjoni Ewropea issa tinsab aktar b'saħħitha biex turi rispons għall-isfidi li qed jiffaċċja r-reġjun.
42. L-UE tilqa' b'interess il-ħidma tal-istituzzjonijiet elettorali fl-Afganistan fis-salvagwardja tal-kredibbiltà tal-proċess elettorali. Il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar il-ħtieġa għat-tieni ċiklu tal-elezzjoni Presidenzjali li għandha tkun kredibbli, inklussiva, sigura u tirrifletti r-rieda tal-poplu Afgan. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-fiduċja tiegħu fit-tmexxija tan-Nazzjonijiet Uniti fil-koordinazzjoni tal-isforzi tal-komunità internazzjonali fl-Afganistan.
43. Il-Kunsill Ewropew jikkondividi t-tħassib dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fil-Pakistan u jappoġġa lill-gvern tal-Pakistan fl-isforzi tiegħu biex jistabbilixxi kontroll fuq iż-żoni kollha tal-pajjiż. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tassisti lill-popolazzjoni affettwata.

**PROTOKOLL DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-
KARTA TAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA
LIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, waqt li jieħdu kont tax-xewqa espressa mir-Repubblika Ċeka,

B'kont meħud tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Qablu dwar il-Protokoll li ġej:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u r-Renju Unit għandu japplika għar-Repubblika Ċeka.

Artikolu 2

It-Titolu, il-Preambolu u l-parti operattiva tal-Protokoll Nru 30 għandhom jiġu modifikati sabiex jirreferu għar-Repubblika Ċeka fl-istess termini kif jirreferu għall-Polonja u għar-Renju Unit.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jiġi anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Linji gwida għall-pożizzjoni tal-UE dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima

1. L-UE TENFASIZZA li l-indirizzar tat-tibdil fil-klima permezz tal-bini ta' ekonomiji effiċjenti fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u reżiljenti għall-klima huwa ta' interess reċiproku għall-pajjiżi kollha u ser issostni l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll is-sigurtà tal-enerġija. Is-suċċess jeħtieġ impenji u sforzi qawwijin mill-pajjiżi kollha.
2. L-UE TTENNI li l-pajjiżi kollha, ħlief dawk l-inqas żviluppati, għandhom ikopru s-sehem ġust tagħhom tal-ispejjeż biex it-tibdil fil-klima jiġi ttrattat. WAQT LI TFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2009, il-pajjiżi żviluppati għandhom juru t-tmexxija tagħhom u jintrabtu għal tnaqqis ambizzjuż ta' emissjonijiet u jżidu l-wegħdiet attwali tagħhom. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk aktar avvanzati ekonomikament, għandhom jintrabtu għal azzjoni ta' mitigazzjoni adatta, li tirrifletti r-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Bil-promozzjoni ta' aktar sforzi dawn l-impenji għandhom ikunu meħjuna b'arkitettura internazzjonali effettiva u effiċjenti għall-kooperazzjoni u b'appoġġ adatt. L-appoġġ internazzjonali għandu jgħin ukoll fl-adattament għat-tibdil fil-klima.

Governanza adatta tal-finanzjament għall-klima

3. L-UE TFAKKAR li l-iskop tal-finanzjament tas-suq tal-karbonju u l-appoġġ pubbliku internazzjonali huwa li jikkontribwixxu b'mod sħiħ għall-oġettiv tal-ftehim ta' Kopenhagen billi tiġi żgurata l-mitigazzjoni effettiva u effiċjenti u l-azzjoni ta' adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan jeħtieġ qafas istituzzjonali effettiv u effiċjenti għall-governanza li għandu jiġi żviluppat fil-bidu nett tal-finanzjament. Il-bażi ġenerali għall-isforzi għandha tkun strateġiji nazzjonali komprensivi.

4. WAQT LI TFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu u ta' Ġunju, l-UE TENFASIZZA li l-komponenti l-aktar importanti tal-qafas tal-governanza għall-finanzjament tal-mitigazzjoni għandhom ikunu:

- Il-preżentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Tkabbir b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju (LCGPs) ambizzjużi u robusti ta' kull pajjiż mill-pajjiżi kollha ħliel il-pajjiżi l-anqas żviluppati. L-LCGPs għandhom jiddeskrivu l-oqfsa attwali tagħhom tal-politika rigward il-mitigazzjoni u l-enerġija, inklużi l-mitigazzjoni u l-ġħoti ta' prezzijiet. Il-pajjiżi żviluppati għandhom jiddeskrivu fil-qosor il-pjanijiet tagħhom għall-implimentazzjoni ta' miri ta' tnaqqis tul l-ekonomija u għall-provvediment ta' appoġġ internazzjonali. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jiddeskrivu t-trajettorji tal-emissjonijiet previsti tagħhom u t-tnaqqis ikbar mis-soltu, jidentifikaw oqsma ġenerali u tipi ta' azzjoni possibbli għal dan il-ġħan, u jstabbilixxu l-aspettattivi rigward il-finanzjament domestiku u internazzjonali.
- Għandha ssir valutazzjoni teknika indipendenti u internazzjonali ta' dawn il-pjanijiet ta' kull pajjiż. Dan jgħin biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-appoġġ għal azzjonijiet speċifiċi.
- L-appoġġ għal azzjonijiet speċifiċi ta' mitigazzjoni adatti għas-sitwazzjoni nazzjonali (NAMAs) fil-livell settorjali jew ta' programmazzjoni jiġi minn kanali multilaterali u bilaterali multipli. Il-koerenza u l-konsistenza tas-sistema ta' appoġġ għandha tibni fuq il-Kejl, ir-Rappurtar u l-Verifika (MRV) tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ż-żewġ funzjonijiet globali tar-reġstrar u t-tqabbil tal-appoġġ mal-azzjoni ta' mitigazzjoni:
 - Azzjonijiet mhux appoġġati jistgħu jitkejlu u jiġu vverifikati domestikament abbażi ta' standards maqbula b'mod internazzjonali, u għandhom ikunu rappurtati internazzjonalment. Azzjoni appoġġata u relatata mas-suq tal-karbonju għandha **titkejjel, tiġi rappurtata u verifikata** internazzjonalment. L-MRV tal-azzjoni appoġġata għandha tivverifika li l-finanzjament kif ukoll l-azzjoni jkunu qed jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-impenji.

- L-azzjoni kollha ta' mitigazzjoni għandha tidħol f'**reġistru internazzjonali**. L-LCGPs u r-reġistru tan-NAMAs kollha ser jiżguraw trasparenza sħiħa rigward il-kuntest li fih huma appoġġati n-NAMAs individwali.
 - **Funzjoni ta' tqabbil** li tipprovdi ħarsa ġenerali u gwida u tassisti d-diffużjoni tal-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pajjiżi li jippreżentaw NAMAs għall-appoġġ kif ukoll pajjiżi u istituzzjonijiet li joffru l-appoġġ. Dan għandu jiffaċilita t-tqabbil ta' kompetenzi u ħtiġiet u jtejjeb il-prestazzjoni ġenerali.
- Il-governanza fil-livell globali għandha sserraħ fuq il-prinċipji tal-effettività, l-effiċjenza u l-ekwità. L-iffissar istituzzjonali tal-funzjonijiet globali għandu jserraħ fuq separazzjoni ċara tal-livelli politiċi u operattivi fejn tingħata gwida fil-livell politiku, u t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni jsiru f'livell tekniku ferm professjonali. Iż-żewġ livelli jista' jingħatalhom parir minn esperti rikonoxxuti internazzjonalment. Hija meħtieġa rappreżentanza bbilanċjata fil-livell politiku.
 - In-nuqqasijiet u l-iżbilanċi fil-finanzjament tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament li jistgħu jinqalgħu għandhom jiġu monitorjati u riveduti regolarment f'livell għoli minn korp adatt.
5. Jeħtieġ li jinżamm rekord internazzjonali sabiex tkun żgurata trasparenza ċara tal-isforzi ġenerali. Dan jinkludi l-isforzi domestiċi, l-akkwist ta' kumpens u l-appoġġ pubbliku f'pajjiżi żviluppati u l-isforzi mhux appoġġati, l-isforzi appoġġati u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażat fuq il-kumpens f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

6. Għandu jsir provvediment għal transizzjoni effettiva u ordnata minn mekkaniżmi tas-suq tal-karbonju abbażi ta' proġett għal dawk abbażi ta' settur speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati. Dan huwa indispensabbli biex tkun żgurata amministrazzjoni maniġġabbli tal-kreditu ta' bilanċi fil-kuntest taż-żieda ta' flussi finanzjarji fis-suq tal-karbonju għall-ekonomiji li qed jiżviluppaw. Dan iżid ukoll l-integrità ambjentali u jimplika ambitu ikbar għad-diskrezzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tat-teknoloġiji u l-linji ta' politika applikati biex titwassal l-azzjoni għall-kreditu. Il-limiti u l-miri tal-kreditu għas-sistemi settorjali għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jirriflettu l-isforzi proprji ambizzjużi f'konformità mal-kapaċitajiet rispettivi tal-pajjiżi. Il-kooperazzjoni internazzjonali u s-sistema għall-verifika u l-awtorizzazzjoni tal-ambizzjoni ta' tali limiti u miri jkunu kruċjali.
7. L-UE TENFASIZZA li l-finanzi pubbliċi internazzjonali għandhom ukoll jassistu l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw speċjalment għall-ifqar u l-aktar pajjiżi vulnerabbli b'kapaċitajiet nazzjonali limitati. It-tħassib dwar l-adattament għandu jiġi integrat b'mod effettiv mal-istrateġiji tal-iżvilupp u l-ippjanar nazzjonali permezz ta' proċessi u koordinazzjoni mmexxija mill-pajjiż. L-appoġġ finanzjarju għall-adattament għandu jkun ibbażat fuq dawn l-istrateġiji u pjanijiet nazzjonali. Il-livell internazzjonali għandu jipprovdi gwida ġenerali kif ukoll analiżi u kondivizzjoni ta' prassi tajba. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u t-twassil ta' investimenti bbażati fuq l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) għandhom ikunu konsistenti b'mod sħiħ mal-bini ta' ekonomiji reżiljenti għall-klima u l-atturi ewlenin kollha fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom, kif adatt, jintegraw it-tħassib dwar il-klima fl-azzjonijiet tagħhom. Għandhom ikunu sfruttati b'mod sħiħ is-sinerġiji fl-implimentazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima u assistenza oħra fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-implimentazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima għandha tirrispetta l-istandards maqbula dwar l-effettività tal-għajnuna. L-esperjenza tal-istituzzjonijiet eżistenti fit-twassil tal-appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tintuża b'mod sħiħ. Ir-rappurtar dwar il-progress tal-adattament għandu wkoll ikun immexxi mill-pajjiż permezz ta' Komunikazzjonijiet Nazzjonali mtejbini.

Inkopru n-nefqa inkrimentali u l-finanzjament privat

8. L-UE TISSOTTOLINJA li l-appoġġ finanzjarju disponibbli għandu jżied maż-żmien f'konformità mal-kapaċità ta' assorbiment, l-iskala ġenerali tal-isforzi u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas effettiv għall-governanza. L-isforzi proprji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jżiedu mal-livell ta' għal tagħhom ta' żvilupp, fejn jirriflettu wkoll il-potenzjal disponibbli għall-mitigazzjoni. L-appoġġ għall-mitigazzjoni ser jitwassal flimkien ma' azzjoni speċifika li hija marbuta sew ma' strateġija ġenerali ambizzjuża tal-pajjiż riċevitur.
9. L-istima tal-Kummissjoni tar-rekwiżiti għall-finanzjament tal-mitigazzjoni tassumi l-implimentazzjoni tal-miżuri l-aktar kost effiċjenti. L-UE TENFASIZZA li l-għażla ta' miżuri ħliet għal dawk l-aktar kost effiċjenti m'għandhiex tnaqqas l-ambizzjoni tal-isforzi ta' mitigazzjoni u l-ispejjeż żejda li jinqalgħu għandhom jitħallsu mill-awtoritajiet li jagħmlu tali għażliet. Il-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw huma mistennija li tul il-perijodu medju jimplimentaw l-azzjoni ta' mitigazzjoni tal-isforzi proprji li twassal għal benefiċċji ekonomiċi diretti u jassistu direttament l-iżvilupp sostenibbli, inkluż bit-tneħħija ta' sussidji fuq il-karburanti fossili u inkentivi oħrajn biex b'mod ġenerali jintgħażlu mudelli intensivi wisq ta' emissjonijiet tal-produzzjoni u l-konsum. Jista' jkun meħtieġ appoġġ għall-bini ta' kapaċità biex ikun faċilitat tali tibdil ta' politika.
10. Il-pajjiżi kollha ser ikollhom jiġġeneraw il-finanzjament privat billi jsegwu linji ta' politika adatti li jippromovu inter alia inkentivi għall-investiment. F'dan il-kuntest, l-UE TIRRIKONOXXI l-importanza ta' swieq finanzjarji li jiffunzjonaw tajjeb u ambjent kummerċjali adatt fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi jippermettu s-self għal investimenti b'użu baxx tal-karbonju u TIRRIKONOXXI li s-self minn istituzzjonijiet internazzjonali jista' jkollu wkoll rwol katalizzanti.

11. Il-finanzjament privat ser ikun ukoll stimulat mill-iżvilupp ta' suq wiesa' u likwidu tal-karbonju bbażat fuq sistemi robusti ta' limitu u skambju f'pajjiżi żviluppati, Mekkaniżmu ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDM) irriformat u mekkaniżmi settorjali ta' kreditu u kummerċ għall-azzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
12. L-UE TIRRIKONOXXI li l-iżvilupp u t-twassil ta' suq robust tal-karbonju jiddependi mill-ambizzjoni tal-miri ta' mitigazzjoni u l-metodi rispettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-pajjiżi żviluppati.

Finanzjament pubbliku internazzjonali tul il-perijodu medju

13. Il-finanzjament permezz tas-suq tal-karbonju għandu jkun immonitorjat u rikonoxxut separatament u ma jistax jingħadd bħala parti mit-twettiq tal-impenji għall-appoġġ finanzjarju pubbliku, ħlief għall-akkwist ta' krediti ta' kumpens li mhumiex użati għall-konformità mal-miri kwantifikati tal-emissjonijiet.
14. Qafas globali ta' distribuzzjoni għandu jżid l-ammont totali tal-finanzjament miġbur inkluż billi tkun żgurata l-fiduċja rigward distribuzzjoni ġusta tal-finanzjament, u jżid l-appartenenza globali u jieħu kont tal-iżviluppi fl-ekonomija dinjija. Fl-istess ħin dan għandu jiżgura livelli aktar stabbli ta' appoġġ u punt ta' riferiment li permezz tiegħu jistgħu jiġu verifikati l-għotjiet finanzjarji. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu benefiċjarji netti b'daqsijiet li jiddependu inter alia fuq il-kapaċitajiet u l-potenzjal tagħhom għall-mitigazzjoni.
15. Il-pajjiżi għandhom jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom abbażi tal-prijoritajiet nazzjonali u f'konformità mal-oqfsa baġitarji u l-prinċipji baġitarji nazzjonali. Il-pajjiżi jistgħu jkunu jridu jikkunsidraw l-użu tad-dħul minn sorsi speċifiċi. Id-dħul minn sorsi speċifiċi għandu jkun rikonoxxut bħala kontribuzzjoni skont il-qafas ta' distribuzzjoni globali sal-punt li tali kontribuzzjoni tista', b'mod mhux ambigwu, tiġi riferuta lura lill-pajjiż tal-orġini.

16. L-MRV robusti għall-mitigazzjoni u l-monitoraġġ u r-reviżjoni għall-adattament u reviżjoni regolari għandhom isaħħu l-konformità mal-impenji internazzjonali ta' finanzjament.
17. Il-kontribuzzjonijiet minn sorsi globali jistgħu jikkomplementaw kontribuzzjonijiet oħrajn minn finazzi pubbliċi u jistgħu jiġu diretti permezz ta' kontijiet globali. Il-flussi ta' finanzjament permezz ta' kontijiet globali għandhom jgħaddu minn istituzzjonijiet eżistenti biex ikun implimentat l-appoġġ, jiġu immassimizzati s-sinerġiji u jkunu limitati l-ispejjeż amministrattivi. Tali finanzjament jista' jiffoka fuq l-għeluq ta' lakuni fil-finance internazzjonali.
18. Biex ikunu massimizzati l-isforzi globali ta' mitigazzjoni u kondizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward ta' sorsi oħrajn ta' emissjonijiet l-UE TENFASIZZA li hemm hteġa qawwija għal regolamentazzjoni globali adatta ta' emissjonijiet li mhumiex normalment regolati mill-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu. L-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) rispettivament huma l-fora adatti biex jiġu żviluppati oqfsa globali, ibbażati fuq miri settorjali globali stabbiliti mill-UNFCCC, li għandhom jipprovdu kopertura mhux distortiva indipendentement mill-bandiera ta' kull settur biex tiġi evitata r-rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jibnu fuq miżuri bbażati fuq is-suq u li josservaw ir-responsabbiltajiet fiskali nazzjonali. Barra minn hekk, biex jiġu riflessi ċ-ċirkostanzi differenti u l-kapaċitajiet rispettivi, parti mid-dħul potenzjali tista' tintuża għall-benefiċċju ta' għanijiet li jirrigwardaw it-tibdil fil-klima f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.
19. Għandu jiġi stabbilit sett komprensiv ta' statistika għall-finance u l-appoġġ, preferibbilment permezz tal-bini fuq mekkaniżmi eżistenti ta' rapportar bħas-sistema tal-OECD-DAC għall-monitoraġġ tal-flussi finanzjarji lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża l-ODA, ibbażat fuq l-impenn adatt tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-istatistika għandha tkun konsistenti u trasparenti b'mod sħiħ u għaldaqstant kapaċi tassisti fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe riskju għall-isforzi għat-tnaqqis tal-faqar u l-isforzi lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

DIKJARAZZJONI DWAR L-IRAN

Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat bis-sħiħ biex isib soluzzjoni diplomatika għall-kwistjoni tal-programm nukleari tal-Iran u jhegheg lill-Iran biex jikkoopera bis-sħiħ f'dan l-isforz. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma t-tħassib serju tiegħu dwar l-iżvilupp tal-programm nukleari tal-Iran u n-nuqqas persistenti tal-Iran li jissodisfa l-obbligi internazzjonali tiegħu. Il-kxif reċenti ta' faċilità intiża għall-arrikkiment qrib Qom kompliet iżżid it-tħassib tiegħu.

Il-Kunsill Ewropew ihegheg lill-Iran biex jissodisfa r-rekwiżiti tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU u biex jikkoopera bis-sħiħ mal-IAEA biex jissolvew il-kwisjonijiet pendent kollha u tinbena mill-ġdid il-fiduċja fin-natura esklussivament paċifika tal-programm nukleari tal-Iran.

Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lill-Iran biex jaqbel mal-IAEA għall-iskema ta' forniment ta' karburant nukleari għar-reattur tar-riċerka f'Teheran li tikkontribwixxi għall-bini tal-fiduċja filwaqt li twieġeb għall-ħtiġiet tal-Iran għal radju-iżotopi użati fil-mediċina.

Progress dwar il-kwistjoni nukleari tal-Iran ser iwitti t-triq għal relazzjonijiet imsaħħa bejn l-UE u l-Iran u jiftaħ it-triq għal kooperazzjoni benefika reċiproka fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, ta' sigurtà u tekniċi.

Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jirrevedi l-aspetti kollha tal-kwistjoni nukleari tal-Iran u ser jiddeċiedi dwar il-passi li jmiss tagħna fil-kuntest tal-approċċ fuq żewġ binarji .

Il-Kunsill Ewropew jiddeplora l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Huwa jinsab imħasseb serjament dwar l-użu tal-piena tal-mewt, is-soppressjoni vjolenti tad-dissidenti u l-proċessi tal-massa fl-Iran wara l-elezzjonijiet kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti politiċi.

Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib kontinwu tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-membri tal-persunal tal-Missjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ċittadini Ewropej fl-Iran li reċentement ġew ipproċessati, u jappella għar-rilaxx tagħhom immedjat u mingħajr kondizzjoni.

LISTA TA' DOKUMENTI PREŻENTATI LILL-KUNSILL EWROPEW

- Ir-Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar il-ħidma preparatorja bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (dok. 14928/09)
- Ir-Rapport tal-Presidenza dwar is-SEAE (dok. 14930/09)
- Il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-tibdil fil-klima (dok. 14790/09)
- Il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2009 dwar l-istrateġiji ta' ħruġ (dok. 14765/09)
- L-Ittra mill-President tal-Kunsill ECOFIN dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tas-supervizzjoni finanzjarja (dok. 15099/09)
- Ir-Rapport ta' progress miksub fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija (dok. 13068/2/09 REV 2)
- Il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2009 dwar l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (dok. 15018/09)
- Il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-27 ta' Ottubru 2009 dwar l-Afganistan/il-Pakistan (dok. 14576/09)
- Il-Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-27 ta' Ottubru 2009 dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE fl-Afganistan u l-Pakistan (dok. 14064/09)
